# IL-KELMA "TA" FIL-LSIEN MALTI

Bħal ma talabni d-direttur tal-MALTI, inwieġeb fil-qasir, għalli qal Patri Zarb fuq il-kelma TA' fil-MALTI ta' Settembru,

Mhux biż-żejjed li wieħed mita jiġi biex iqabbel kelma ma' oħra tal-lsien barrani, u ta' għamla waħda, ifittixha fil-*letterarju* jew fil-*klassiku*, kif ukoll fil-*volgari*. Kif fehemt fl-artiklu ta' qabel fuq "Il-Lsien Malti"; jiħtieġ ukoll infittxuha fid-djaletti ta' dak il-lsien li minnu naħsbu li hu ġej jew ittieħdet il-kelma. Il-malti li hu djalett semitku jew ilsien semitku *mitkellem*, bħalma hu mitkellem il-għarbi mis-Surija sal-Marokk, mhux il-għarbi tal-Qurân jew il-lhudi tat-Talmûd.

Fil-għarbi, fxi djaletti bħal ta' l-Eġittu, ta' Trîpli, ta' l-Alġier u tal-Marokk, il-ġenitiv *(complemento di specificazione)*, barra milli jitfisser fl-*istât kostrutt* (jew b'rabta bejn l-isem tal-ħaġa (ir-*regens*) u l-isem ta' dak jew dik (ir-*rectum*) li *għandu* jew *għandha* dik il-ħaġa — Cfr: *Hikmat Sulejmân, ibnat Butros, jadân el-fallâħ*), jitfisser ukoll, bħal fil-malti, u dlonk, bil-kelma *mtâgħ* (proprietà) eż: *ed-dukkân mta' et-tager* (Cfr: L' *Arabo Scritto e l'Arabo Parlato in Tripolitania*, paġ: 86. P. A. Vaccari, *Dict. Fr.-Ar.* Cherbonneau. Algerie. *L'Arabo Parlato della Libia.* Griffini. 1913, paġ: 81.) Fl-Eġittu u fil-Marokk, barra millparticella *mtâgħ*, il-ġenetiv jitfisser bil-kelma *btâgħ*. (Cfr: Gesenius, *Versuch über die Maltesische Sprache* paġ: 6 u 12. Green, *A Practical Arabic Grammar*. 1893. paġ: 55 (96). Dan juri illi l-kelma *mtâgħ* u *btâgħ* hi iktarx magħmula minn żewġ kelmiet: *m+tâgħ* u *b+tâgħ* li fil-Malti *per afèresi* issir *tâgħ* weħedha.

Issa biex nuru li *tagħ* mhix it-*tâ marbuta*:—

Fil-malti, għalkemm il-ġenitiv jista' jitfisser fl-*istât kostrutt* jew b'ismijiet *in regimine* insibu li t-*tâgħ* għandha dejjem tidħol fejn it-*tâ marbuta* ta' l-*istât kostrutt* ma tistâx:—

(1) Bejn żewġ ismijiet *proprji*: eż: *Ċensu ta' Mattew:*

(2) Mita l-ewwel isem *(regens)* ikollu qablu l-artiklu: eż: *Id-dar ta' Kieli.*

(3) Mita t-tieni isem *(rectum)* qiegħed biex ifisser ta' hijex il-ħaġa hi magħmula, għalfejn hi etċ. u għandu minn aġġettiv: eż: *Ħajt tas-sejjieħ, ħawt ta' l-ilma mbierek, ċurkett tal-fidda.*

Minn dan jidher illi t-*tâgħ* ma setgħet qatt f'*bini ta' qwiel bħal dawn*, titnissel mit-*tâ* marbuta ta' l-*istât kostrutt*.

Tarġa. It-*Tâ* marbuta ta' l-*istât kostrutt* ma tinħassx ħlief mita l-ewwel isem *(regens)* hu femminil jew jispiċċa bl-*a* tal-femminil. (Cfr. *Bin Alla. Sid il-ħanut* u *leħjet ix-xiħ* fejn *leħja* hi fem :) Għalhekk mita l-ewwel isem *(regens)* hu maskil u warajh tidħol it-*tagħ* dik it-*ta* ma tista' tkun qatt it-*tâ* marbuta.

P. Zarb jifhem li fl-eżempju: *Kelba tas-sid* (kif fil-qwiel kollha ta' din il-għamla u naħseb ta' oħrajn) it-*ta*(għ) tnisslet mit-*ta* marbuta ta' *kelbat* fejn *t* ingħażlet u ngħaqdet ma' l-*a* ta' l-artiklu mxebbah tal-kelma *sid (kelba t+al-sid)*. Jekk inhu hekk għandi naħseb li fil-qawl: *għonnella ta' marti* it-*t* ta' *ta* ngħaqdet ukoll ma' l-*a* ta' l-artiklu tat-tieni isem *(ir-rectum)* li hawn hu *marti ;* imma *marti*, bħala isem mehmuż maż-żjieda tal-pronom *i*, ma jihux l-artiklu. (Cfr: *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, paġ: 109.)

Ara wkoll: *Qasbet sieqi* u *qasba ta' sieqi*. Hekk ukoll nistgħu ngħidu mita t-tieni isem hu isem proprju eż : *Qalet Marku* jew *Qala ta' Marku* fejn *Marku* ma jiħux l-artiklu.

Tarġa. Jekk fil-qawl "*il-kelba tas-sid*", it-*ta* (bl-artiklu tar-*rectum* imxebbah mal-*s* ta' *sid*) hija it-*tâ* marbuta *ta'* "*kelbet is-sid*", kif u l-għaliex l-artiklu jista' joqgħod qabel il-kelma *kelba* u qabel *kelbet* ma jistâx? Il-kitba ta' *tagħ* mhix mibnija fuq it-tidqis u x-xebh tal-kelma *magħ*. Il konsonanti *għ* hi tagħha, bħal fil-għarbi *mtagħ*, li bħal fil-malti tinhemeż ma' żjieda ta' pronomi f'tarf il-kelma: (Cfr: *mtâgħ—i, mtâgħ—äh, mtâgħ—äk, mtâħ—ħa* (għ+h=ħħ) etċ. Griffini). Li kieku t-*tagħ* ma kelliex il-*għ* tâgħha, mita tiġi biex tinhemeż mal-pronomi *ha*, *hom* tinħass *taha, tahom* bħal fil-verb (agħ)*taha* (agħ)*tahom* u mhux *taħħa, taħħom*. Eżempji oħra jatuna ukoll xhieda li *tagħ* mhi xejn it-*tâ* marbuta : Cfr: *Ta' Ċenċ, ta' Sannât, ta' Majsija*, u l-qawl: *il-kelma minn tiegħu* li taqbel u turi n-nisel ta' *minn tagħ* minn *mtagħ* fxi qwiel għarbin bħal : *el-għadam mtagħ—äh (mtâgħ—u (h)*. Griffini.

Il-kitba ta' *Ti+i, Ti+u* jew *tie+i, tie+u* flok *tiegħ+i, tiegħ+u*, fil-malti, kif ukoll fis-semitku, hi kontra r-régula ta' l-*ortografija grammatikali* (Cfr : *Tagħrif fuq il-kitba Maltija*. Seba' Reg: paġ: 8).

Jiena ngħid bħal P. Zarb li ħafna mill-qwiel maltin il-lum jimxu fuq ix-xebh ta' bini ta' qawl Taljan jew Sqalli, imma kif rajna, il-għada li nfissru l-ġenetiv bil-partiċella *tagħ* mhix tagħna biss, imma ta' djaletti oħrajn ta' nisel semitku li ma setgħux dlonk ħaduha bħalna minn ilsna ta' nisel

arjan. Il-kelma *mătagħ* fil-għarbi letterarju għandha t-tifsir ta' *ksîb* (proprietà) li fid-djalett, saret il-partiċella *segna caso* tal-ġenetiv.

Aħna, għalkemm ninqdew b'Alfabet Fonetku ma nistgħux nimxu fuq it-traskrizzjoni ta' Kittieba barranin. Jidhirli li fit-*Tagħrif* għedna biż-żejjed il-għaliex. Tarġa' mhux l-orjentalisti kollha jinqdew bl-istess ittri jew egħliem konvenzjonali, ibda minn Stumme li fit-traskrizzjoni tal-malti l-appostrofu maqlub ( ' ) jużah għall-*qâf* u mhux għall-*għajn*.

**A. Cremona.**

*        *        *

Bħal ma wegħidna, ġibna hawn fuq dak li kitbilna s-sur Cremona fuq il-kelma "ta'". Barra minn dan, waslulna tnejn oħra minn għand il-kittieba tagħna Sajdun u G. V. li, bejn wieħed u ieħor, qalu l-istess ħaġa u għalhekk dehrilna li ma hemmx għal fejn inġibuhom it-tlieta. Fuq dawn it-tnejn ta' l-aħħar insemmu xi ħaġa fuq fuq.

Sew Sajdun kemm G. V. qablu mas-sur Cremona li l-kelma "ta'" ma hix ħag'oħra ħlief il-kelma għarbija *mătagħ* li fil-malti saret *mtagħ*=*tagħ* u tfisser proprietà (Sajdun) u fid-djaletti tripolin: *metâgħ*, alġerin *mtâgħ*, masri *bitagħ* (G.V.). Sajdun wera wkoll li *kelba tas-sid* (UNA cagna del padrone) ma hix ħaġa waħda ma' *kelbat as-sid* (LA cagna del padrone) sa kemm dawn l-anqas ma għandhom tifsir wieħed.

G. V. semma' wkoll—biex juri li *ta*'ġejja minn *matagħ*—li l-predikaturi għadhom iħobbu jsemmgħuhielna dik l-*emme* mwaqqgħa mita jgħidu kliem bħal "id-dixxipli mintiegħu, ir-ruħ mintagħna" u hekk jersqu iżjed lejn is-sura għarbija bħal meta jersqu iżjed lejha meta jgħidu *hedan*, *hedin*, *hedawk* eċċ. flok *dan*, *din*, *dawk* eċċ.

Wera wkoll li Patri Zarb jaħseb ħażin jekk jaħseb li *magħ* għandha tagħmel *migħi* u mhux *miegħi*. Tassew, qal G.V., li l-*ă* ġie li ssir *ĭ*, iżda, mita dan tagħmlu, tbiddel ħarira t-tifsir. *Târ* (passat) issir *tîr* (imperattiv) waqt li mita l-*â* issi *ie* tibqa' bl-istess tifsir: *dâm* li ssir *diem* u li tfisser xorta. Mela *miegħi*, *tiegħi* eċċ. u mhux *migħi*, *tigħi* eċċ.

**(N. tad-D.)**